FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 05 TA' OTTUBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Anna Marie Xuereb

vs

Eugene Montanaro

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 91447G akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar Gunju 2016 u fix-xhur u s-sena ta' qabel. b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jikksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalieh jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn €500 izda mhux aktar minn €5,000, ghad-dannu ta' Denise Farrugia, Raymond Brincat, u Maria Terea k/a Marthese Xuereb, ahwa u tfal tal-mejta Paul Brincat u Antonia nee' Rapa, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; u l-istess haga giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;
2. u aktar talli bi hsara ta' haddiehor u cioe ta' Denise Farrugia, Raymond Brincat, u Maria Terea k/a Marthese Xuereb, ahwa u tfal tal-mejta Paul Brincat u Antonia nee' Rapa, ghamel qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. talli, fil-kapacita' tieghu t' Ufficjal Pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas milli jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor u cioe' bi hsara ta' Denise Farrugia, Raymond Brincat, u Maria Terea k/a Marthese Xuereb, ahwa u tfal tal-mejta Paul Brincat u Antonia nee' Rapa;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tapplika l-provvediment tal-Artikoli 30(1) (a), 140 u 141 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema bi procedura sommarja mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 18, 138, 293, 294, 309, 310 (1)(a)(b) tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat